

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2021 – Esteves Lopes Granja vs EUIPO – IVDP
(PORTWO GIN)**

(Kawża T-417/20) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea PORTWO GIN – Denominazzjoni ta’ oriġini preċedenti ‘Porto’ – Kunċetti ta’ użu u ta’ sfruttament ta’ denominazzjoni ta’ oriġini protetta – Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013”)

(2021/C 481/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Joaquim José Esteves Lopes Granja (Vila Nova de Gaia, il-Portugall) (rappreżentant: O. Santos Costa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto, IP (IVDP) (Peso da Régua, il-Portugall) (rappreżentant: P. Sousa e Silva, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' April 2020 (Każ R 993/2019-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto, IP u Joaquim José Esteves Lopes Granja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Joaquim José Esteves Lopes Granja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 279, 24.8.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2021 – Guo vs EUIPO – Sand Cph (sandriver)

(Kawża T-505/20) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark tal-Unjoni figurattiva sandriver – Trade mark tal-Unjoni verbali preċedenti SAND – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2021/C 481/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Xiuling Guo (Shanghai, iċ-Ċina) (rappreżentant: L. Le Stanc, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Mrozowski, A. Folliard-Monguiral u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Sand Cph A/S (Kopenhágen, id-Danimarka)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Ġunju 2020 (Każ R 2019/2019-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Sand Cph u X. Guo.